31976R0102

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 102/76
tad-19 ta'Jannar 1976
fuq it-trattament doganali li għandu jingħata lil prodotti tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari Artikolu 43 u 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1];

Billi permezz ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u n-Norveġja, il-Komunità obligat ruħha li teffetwa tnaqqis awtonomu tad-dazji applikabbli għal ċerti prodotti tas-sajd, li jaqgħu taħt it-titolu Nos ex 03.01, ex 16.04 u ex 16.05 tad-Dazju Komuni, li joriġinaw fin-Norveġja, bil-patt li n-Norveġja tirrispetta t-termini attwali ta' kompetizzzjoni ġenerali fil-qasam tas-sajd;

Billi dak l-iskambju ta' ittri stabbilixxa ċerti regoli ta' oriġini; billi, jekk regoli bħal dawn għandhom ikunu applikati, għandhom jigu stabbiliti l-kondizzjonijiet li jirregolaw it-trasport ta' prodotti li joriġinaw u l-arranġamenti għall-koperazzjoni amministrattiva; billi l-fatt li l-prodotti in kwistjoni huma prodotti li joriġinaw għandhom ikunu attestati minn ċertifikat ta' moviment maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana Norveġizi meta il-prodotti korrispondenti jkunu esportati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazji applikabbli għall-importazzjonijiet fil-Komunità kif oriġinarjament kostitwiti minn prodotti li joriġinaw fin-Norveġja, u li jaqgħu taħt it-titolu Nos ex 03.01, ex 16.04 and ex 16.05 tad-Dazju Komuni, elenkati fit-Tabella I annessa ma' dan ir-Regolament, għandhom jitnaqqsu għall-livell muri għal kull wieħed minnhom.

2. Id-dazji applikabbli għall-importazzjonijiet fid-Danimarka u fir-Renju Unit ta' prodotti li joriġinaw fin-Norveġja u li jaqgħu taħt it-titolu Nru ex 03.01, ex 16.04 and ex 16.05 tad-Dazju Komuni, elenkati fit-Tabella II annessa ma' dan ir-Regolament, għandhom jiġu stabiliti fil-livell muri għal kull wieħed minnhom.

3. Id-dazji applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Irlanda ta' prodotti li joriġinaw fin-Norveġja u li jaqgħu taħt it-titolu Nos ex 03.01, ex 16.04 u ex 16.05 tad-Dazju Komuni elenkata fit-Tabella III annessa ma' dan ir-Regolament, għandhom jitnaqqsu jew jigu stabbiliti fil-livell muri għal kull wieħed minnhom.

4. It-tnaqqis stabiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jiġi applikat biss jekk in-Norveġja taderixxi mal-prezzijiet ta' riferenza Komunitarji preżenti jew futuri.

Artikolu 2

Il-kunċett ta' prodotti oriġinanti huwa mfisser u l-arranġamenti għall-koperazzjoni amministrattiva huma stabiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Fl-ebda każ is-sardin aħdar tal-bott (*Sprattus sprattus*) ma' jista' jinżamm maħżun jew jiġi esibiti għall-bejgħ, mpoġġi fiċ-ċirkulazzjoni jew mibjugħ fil-Komunità taħt isem differenti minn dak ta' laċċi żgħar tal-bott jew brisling; b'mod speċjali m'għandhomx iġorru l-isem ta' sardin Norveġiż, inċova jew aringi.

[1] ĠU C 7, tat-12.1.1976, p. 70.

Artikolu 4

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3609/73 tas-27 ta' Diċembru 1973 fuq it-trattament doganali li għandu jiġi applikat għall-ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja [1] kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1460/74 [2], qiegħed jigi abrogat permezz ta' dan l-att.

2. Ir-referenzi għar-Regolament abrogat permezz tal-paragrafu 1 għandhom jiġu interpretati bħala riferenza għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1976.

Dan ir-Regolment għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament l-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fid-19 ta' Jannar 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

J. HAMILIUS

---

[1] ĠU L 365, tal-31.12.1973, p. 171.
[2] ĠU L 156, tat-13.6.1974, p. 1.

ANNESS

I. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tar-riduzzjonijiet tat-tariffi imposti mill-Artikolu 1, il-prodotti li ġejjin, bil-patt li jiġu trasportati direttament fill-Komunità, għandhom jiġu ikkunsidrati bħala li joriġinaw fin-Norveġja:

(a) Prodotti miksuba mis-sajd prattikat fin-Norveġja;

(b) prodotti meħuda mill-baħar minn bastimenti Norveġiżi;

(ċ) prodotti magħmula fuq vapuri fabbrika Norveġiżi esklużivament minn prodotti li għalihom issir riferenza fis-subparagrafu (b);

(d) oġġetti prodotti fin-Norveġja minn prodotti speċifikati fis-subparagrafu (a), (b) u (c).

Id-denominazzjoni "fin-Norveġja" għandha tkopri wkoll l-ibħra territorjali tan-Norveġja. Bastimenti li operaw f'ibħra internazzjonali, inklużi l-vapuri fabrika, li fuqhom il-ħut maqbud jiġi maħdum jew proċessat għandhom jiġi ikkunsidrati bħala parti mit-territorju Norveġiż bil-patt li jkunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti hawn taħt rigward il-bastimenti.

Id-denominazzjoni "bastimenti Norveġiżi" għandha tapplika biss għall-bastimenti:

— li huma reġistrati fin-Norveġja;

— li jbaħħru taħt il-bandiera tan-Norveġja;

— li jkunu mill-anqas 50 % ta' propjeta' ta' persuni ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-Komunità jew tan-Norveġja jew minn kumpanija bl-uffiċju prinċipali tagħha f'wieħed minn dawk l-Istati, li l-*manager* jew *managers* tagħha, il-president tal-bord tad-diretturi jew tal-bord tas-sorveljanza, u l-maġġoranza tal-membri ta' bordijiet bħal dawn ikunu persuni ta' nazzjonalità ta' l-Istati Membri tal-Komunità jew tan-Norveġja, u li minnhom, flimkien ma' dan, fil-każ ta' soċjetajiet jew kumpaniji b'responsabbiltà limitata, mill-anqas nofs il-kapital ikun jappartjeni għall-dawk l-Istati jew aġenziji publiċi jew lill-persuni ta' nazzjonalita tal-Istati Membri imsemmija;

— li l-kaptan u l-uffiċjali kollha tagħhom ikunu persuni ta' nazzjonalita ta' l-Istati Membri tal-Komunità jew tan-Norveġja;

— li mill-anqas 75 % tal-ekwipaġġ tagħhom huma persuni ta' nazzjonalità ta' l-Istati Membri tal-Komunità jew tan-Norveġja.

II. Il-prodotti għandhom jitqiesu li jiġu trasportati direttament minn Norveġja għall-Komunità fejn ma' jaqsmux territorji ħlief dawk tan-Norveġja u tal-Komunità. Oġġetti bħal dawn, fejn jikkostitwixxu vjaġġ wieħed biss li m'hux maqsum, jistgħu pero' jiġu trasportati minn fuq territorju differenti minn dak tan-Norveġja jew tal-Komunità u jistgħu fejn ikun hem bżonn jiġu trasbordati jew temporanjament maħżuna f'dak it-territorju, bil-patt li l-qsim ta' dak it-territorju ikun ġustifikat għall-raġunijiet ġeografiċi, li l-oġġetti jkunu baqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet doganali fil-pajjiż ta' tranżitu jew ħażna, li ma' jkunux iddaħlu fil-kummerċ ta' dawk il-pajjiżi jew iddaħħlu għall-użu domestiku hemmhekk u li ma' jkunux ġew sottoposti għal-operazzjonijiet ħlief dawk ta' ħatt, tagħbija jew kull operazzjoni immirata sabiex tippreservahom f'kondizzjoni tajba.

III. Prodotti oriġinanti skond it-tifsira ta' dan l-L-Anness għandhom, ma' l-importazzjoni fil-Komunità, jibbenefikaw mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 meta jiġi eżibit ċertifikat ta' moviment EUR.1 kif maħruġ mill-awtoritajiet doganali Norveġiżi taħt il-ftehim KEE-Norveġja fuq applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur magħmula skond il-forma stabilita għal dan il-għan.

IV. Id-disposizzjonijiet tal-Protokoll 3 anness mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1691/73 tal-25 ta'Ġunju 1973 li għandhom x'jaqsmu mal-ħruġ ta' ċertifikati, il-limitu ta' ħin għas-sottomissjoni ta' ċertifikati bħall-dawn lill-awtoritajiet doganali tal-Istat importatur u l-assistenza reċiproka bejn in-Norveġja u l-Istati Membri sabiex tiġi verifikata l-awtenticita' u l-akkuratezza taċ-ċertifikati ta' moviment, għandhom japplikaw.

TABELLA I

Dazji li japplikaw għal prodotti mportati fil-Komunità kif originarjament kostitwita

TDKIntestatura Nru	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju li tapplika minn:				
		l-1.1.1974	l-1.1.1975	l-1.1.1976	l-1.1.1977	l-1.7.1977
03.01	Il-ħut, frisk (ħaj jew mejjet), imkessaħ jew iffriżat:					
	B: ħut ta' l-ilma baħar:					
	II. Il-flett:					
	(b) Friżat:					
	1. Tal-bakkaljaw (*Gadus morrhua* jew *Gadus callarias*)	12 %	9 %	6 %	6 %	3 %
	2. Tas-*saithe* (*Pollachius virens* jew *Gadus virens*)	12 %	9 %	6 %	6 %	3 %
	3. Tal-*haddock*	12 %	9 %	6 %	6 %	3 %
	4. Tar-*redfish* (*Sebastes marinus*)	12 %	9 %	6 %	6 %	3 %
	6. Tal-kavalli	12 %	9 %	6 %	6 %	3 %
	7. Oħrajn	12 %	9 %	6 %	6 %	3 %
16.04	Il-ħut preparat jew preservat, inkluż il-kavjar u s-sostituti tal-kavjar:					
	C. L-eringi					
	I. Il-flett, nej, miksi biss bil-frak tal-ħobż jew b'taħlita ta' dqiq u bajd, friżat	12 %	9 %	6 %	6 %	3 %
	G. Oħrajn:					
	I. Il-flett, nej, miksi biss bil-frak tal-ħobż jew b'taħlita ta' dqiq u bajd	12 %	9 %	6 %	6 %	3 %
	eż. II. Oħrajn:					
	L-ispratti (*Sprattus sprattus*), f'laned issigillati (*)	18 %	16 %	14 %	14 %	12 %
16.05	-Il-krustacji u l-molluski, preparati jew preservati:					
	eż A. Il-grancijiet:					
	F'laned issigillati (*)	14 %	12 %	10 %	10 %	7.5 %
	eż B. Oħrajn:					
	- Il-gambli u l-prawns, mingħajr qoxra u friżati, minbarra l-gambli tal-genu "*Crangon*" sp.p	17.5 %	15 %	12.5 %	10 %	7.5 %

(*) "Laned issigillati" tfisser laned li jkunu saldati jew mwaħħla b'tali mod li la l-arja u l-anqas il-mikrobi ma' jkunu jistgħu jippenetraw u li ma' jkunux jistgħu jinfetħu ħlief bil-process ta' deterjorazzjoni

TABELLA II

Dazji li japplikaw għal prodotti importati fid-Danimarka jew fir-Renju Unit

TDKIntestatura Nru	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju li tapplika minn:			
		l-1.1.1974	l-1.1.1975	l-1.1.1976	l-1.7.1977
03.01	Il-ħut, frisk (ħaj jew mejjet), imkessaħ jew friżat:				
	B. Il-ħut ta' l-ilma baħar:				
	II. Il-flett:				
	(b) Friżat:				
	1. Tal-bakkaljaw (*Gadus morrhua* jew *Gadus callarias*)	Xejn	1.5 %	1.5 %	3 %
	2. Tas-*saithe* (*Pollachius virens* jew *Gadus virens*)	Xejn	1.5 %	1.5 %	3 %
	3. Tal-*haddock*	Xejn	1.5 %	1.5 %	3 %
	4. Tar-*redfish* (*Sebastes marinus*)	Xejn	1.5 %	1.5 %	3 %
	6. Tal-kavalli	Xejn	1.5 %	1.5 %	3 %
	7. Oħrajn	Xejn	1.5 %	1.5 %	3 %
16.04	Il-ħut preparat jew preservat, inkluż il-kavjar u s-sostituti tal-kavjar:				
	C. L-eringi:				
	I. Il-flett, nej miksi biss bil-frak tal-ħobż jew b'taħlita ta' bajd u dqiq, friżat	Xejn	1.5 %	1.5 %	3 %
	G. Oħrajn:				
	I. Il-flett, nej miksi biss bil-frak tal-ħobż jew b'taħlita ta' bajd u dqiq, friżat	Xejn	1.5 %	1.5 %	3 %
	eż. II: Oħrajn				
	- L-Ispratt (*Sprattus sprattus*), f'laned sigillati (*)	3 %	6 %	9 %	12 %
16.05	Il-krustacji u l-molluski, preparati jew preservati:				
	eż A. Il-grancijiet:				
	- F'laned issigillati (*)	Xejn	2.5 %	5 %	7.5 %
	eż B. Oħrajn:				
	- Il-gambli u l-*prawns*, mingħajr qoxra jew friżati, minbarra l-gambli tal-genu "*Crangon*' sp.p."	Xejn	2.5 %	5 %	7.5 %

(*) "Laned issigillati" tfisser laned li jkunu saldati jew mwaħħla b'tali mod li la l-arja u l-anqas il-mikrobi ma' jkunu jistgħu jippenetraw u li ma' jkunux jistgħu jinfetħu ħlief bil-process ta' deterjorazzjoni

TABELLA III

Tariffi applikabbli għall-prodotti importati fl-Irlanda

TDKIntestatura Nru	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju li tapplika minn:			
		l-1.1.1974	l-1.1.1975	l-1.1.1976	l-1.7.1977
03.01	Il-ħut, frisk (ħaj jew mejjet), imkessaħ jew friżat:				
	B. Il-ħut ta' l-ilma baħar:				
	II. Il-flett:				
	(b) Friżat:				
	1. Tal-bakkaljaw (*Gadus morrhua* jew *Gadus callarias*)	12 %	9 %	6 %	3 %
	2. Tas-*saithe* (*Pollachius virens* jew *Gadus virens*)	12 %	9 %	6 %	3 %
	3. Tal-*haddock*	12 %	9 %	6 %	3 %
	4. Tar-*redfish* (*Sebastes marinus*)	12 %	9 %	6 %	3 %
	6. Tal-kavalli	12 %	9 %	6 %	3 %
	7. Oħrajn	12 %	9 %	6 %	3 %
16.04	Il-ħut preparat jew preservat, inkluż il-kavjar u s-sostituti tal-kavjar:				
	C. L-eringi:				
	I. Il-flett, nej miksi biss bil-frak tal-ħobż jew b'taħlita ta' bajd u dqiq, friżat	12 %	9 %	6 %	3 %
	G. Oħrajn:				
	I. Il-flett, nej miksi biss bil-frak tal-ħobż jew b'taħlita ta' bajd u dqiq, friżat	12 %	9 %	6 %	3 %
	eż. II: Oħrajn				
	- L-Ispratt (*Sprattus sprattus*), f'laned sigillati (*)	35 %	29 %	21 %	12 %
16.05	Il-krustacji u l-molluski, preparati jew preservati:				
	eż A. Il-grancijiet:				
	- F'laned issigillati (*)	33.4	27 %	18 %	7.5 %
	eż B. Oħrajn:				
	- Il-gambli u l-*prawns*, mingħajr qoxra jew friżati, minbarra l-gambli tal-genu "*Crangon*' sp.p."	Xejn	2.5 %	5 %	7.5 %

(*) "Laned issigillati" tfisser laned li jkunu saldati jew mwaħħla b'tali mod li la l-arja u l-anqas il-mikrobi ma' jkunu jistgħu jippenetraw u li ma' jkunux jistgħu jinfetħu ħlief bil-process ta' deterjorazzjoni